MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 132/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco f'ismu proprju u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Joseph Carabott u b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2003 it-Tribunal ordna li tintervjeni fil-kawza « in statu et terminus » Catherine Carabott**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2003 fejn intqal illi fl-4 ta' Marzu, 2000 inhargu diversi kambjali minn Carmel Camilleri favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' wiehed u sebghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm71.27) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas tmintax (18)-il kambjala ta' wiehed u sebghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm71.27) kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Marzu, 2000 u Dicembru 2002.**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa elf mitejn u tnejn u tmenin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm1282.86) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Carabott fejn intqal illi :**

**L-obbligazzjoni kambjarja in kwistjoni hi nulla skond il-ligi billi giet kontrattata minghajr il-kunsens ta' l-intervenjenti Catherine Carabott mart Joseph Carabott.**

**Sema' x-xhieda ta' Carmel Bianco, Joseph Carabott, Catherine Carabott. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-kopji tal-kambjali esebiti. Il-konvenut kien xtara vettura minghand l-attur.**
**2. Il-konvenut kien iffirma dikjarazzjoni Dok.CBX, dwar li hu ma kienx mizzewweg, u ffirma l-kambjali relattivi. Wara bdew isiru pagamenti mensili.**
**3. Meta l-konvenut waqaf ihallas l-attur kellu jeffettwa l-pagamenti huwa lill-Bank.**
**4. Il-konvenut jghid li dak iz-zmien li ffirma id-dikjarazzjoni ma kienx qed jghix ma martu.**
**5. L-Artikolu1329 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk :**
**« 1. Bla hsara ghad-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu, il-kredituri ta' parti fiz-zwieg ghal djun li ma tbatihomx il-komunjoni ta' l-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iz-zwieg jew wara, jistghu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistghu jissodisfaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti izda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.**

**2. Bla hsara ghall-jedd tal-parti mizzewga lid-debitur li jitlob separazzjoni gudizzjarja tal-beni, il-parti mizzewga lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi ghal att li jinforza kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni ta' l-akkwisti hlief meta l-beni li fuqhom tkun qed issir l-esekuzzjoni jkunu beni parafernali ta' dik il-parti mizzewga lid-debitur. »**

**6. Ghalhekk, salv dak li jipprovdi l-Artikolu fuq citat, il-konvenut ghandu jhallas lill-attur f'ismu proprio u fil-kwalita` tieghu premessa, l-ammont mitlub fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u tnejn u tmenin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm1282.86) bl-imghaxijiet mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------